



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 26 ta' Novembru 2010 (01.12)  
(OR. en)

16769/10

LIMITE

FISC 140

**NOTA**

minn: Segretarjat Ġeneral  
lil: COREPER

Suġġett: Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)  
- Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill  
- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2010 1-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) qabel dwar ir-rapport tiegħu lill-Kunsill (ECOFIN) kif jinsab fid-dokument 16766/10 FISC 139.
2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta 1-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġejjin:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Belġjana u japprova r-rapport kif jinsab fid-dok. 16766/10 FISC 139);

- jitlob lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja l-status quo u l-implimentazzjoni tat-tnaqqis, kif ukoll biex ikompli bil-ħidma skont il-Pakkett ta' Ħidma maqbul mill-Kunsill (ECOFIN) fil-5 ta' Diċembru 2008 (dok. 16410/08 FISC 174);
- sabiex jiffaċilita l-ħidma tal-Grupp bi promozzjoni għall-adozzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta f-pajjiżi terzi, jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli d-diskussionijiet mal-Isvizzera u l-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi kif mitlub mill-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-8 ta' Ġunju 2010 (dok. 10595/10 FISC 57) u biex iżżomm lill-Grupp infurmat regolarmen dwar il-progress;
- jistieden lill-Grupp biex qabel it-tmiem tal-Presidenza Ungerija jiprovd i l-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

3. Il-Coreper huwa mistieden:

- jippreżenta r-rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill (dokumenti 16766/10 FISC 139 + COR 1);
- jaqbel dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet ta' hawn fuq u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadottahom bħala punt "A" fuq l-agħenda.